# IL-MELLIEĦA

## ...Sittin sena ilu

*kitba ta' Edward Camilleri*

Kemm inbidlet din ir-rokna fil-majjistral ta' Malta, magħrufa bl-isem ta' "Mellieħa"! Kemm nafħa differenti l-ħajja fil-Mellieħa mill-ħajja li qegħdin ngħixu llum. Il-ħajja fil-Mellieħa ta' xi sittin sena ilu ftit tixbaħ lill-ħajja tal-Mellieħa tas-sena 2002. Bdejna seklu ġdid u għandna ħafna affarijiet ġodda li sittin sena ilu lanqas konna noħolmu bihom. Dik hi l-ħajja, is-snin igerrbu u l-ħajja tinbidel.

Se nissogra nikteb xi ħaġa mill-memorja fuq il-Mellieħa ta' tfuliti. Żgur li se ninsa xi ħaġa, iżda se nagħmel mill-aħjar biex nagħti stampa tal-Mellieħa ta' dak iż-żmien. Qiegħed nikteb bl-iskop li t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jkollhom idea ta' kif kienet il-ħajja fil-Mellieħa qabel l-aħħar gwerra ta' l-1940, 'il fuq minn sittin sena ilu.

Għal dawk li bħali qabżu s-sebgħin sena, din il-kitba tista' tiswa biex iġġedded il-memorji ta' żminijiet aħjar għax kienet issaltan fost il-poplu tal-Mellieħa l-paċi u l-hena. Dan hu fattur importanti li rridu nżommuħ ċar quddiem għajnejna għax illum għandna flus iżjed, kumdità akbar, imma l-paċi u l-kwiet naqsu, u naqsu mhux ftit. Anke fil-familja naqset il-paċi, u dan hu gwaj kbir li ma tikkurahx malajr.

### Ir-raħal kiber

Kieku kellhom jiġu n-nanniet tagħna u n-nies li kienu jgħixu l-Mellieħa iżjed minn sittin sena ilu u jagħmlu mixja fit-toroq tagħna, jiċċassaw b'dak li jaraw. Jolqothom l-ewwelnett l-istat tat-toroq. M'għadhomx il-ftit toroq ta' madwar il-knisja u s-Santwarju, iżda jinfirxu iżjed fit-tul u jaslu sa postijiet li fihom, fi żmienhom, la kont tara karozzi u lanqas karettuni.

U t-toroq ma kienux miksijin bil-qatran jew bit-tarmak, iżda bit-trab jew bit-torba. Jiskantaw jaraw il-bini l-ġdid li jiksi l-Għoljiet tal-Mellieħa, Ta' Pennellu, il-Qortin, il-Wied ta' Għajn Żejtuna, Ta' l-Ibraġ u fejn iċ-Ċikken, inħawi li fi żmienhom fihom kont tara xi kaċċatur jew xi tfal jirgħaw il-ftit bhejjem, nagħaġ jew mogħoż, li kien ikollhom. Ir-raħal kien magħmul minn ftit toroq, Triq il-Kbira, Triq il-Kappillan, Triq il-Parroċċa, Triq tas-Salib u ftit traversi bl-isem ta' l-Ewwel Triq, it-Tieni Triq, it-Tielet Triq u tibqa' sejjer sa l-Għaxar Triq li kienet twassal mix-xifer fuq Ġnien Ingraw sal-pjazza. Mill-bqija ma kien hemm xejn ħlief xagħri, blat u ftit għelieqi. Lanqas il-post li jgħaqqad in-naħa Ta' Snajjin ma' Triq il-Kbira kien għadu ma nbena. Fis-snin ta' qabel il-gwerra f'dawn il-postijiet f'ċerti żmenijiet kont tara suldati jagħmlu l-manuvri. Aktarx kienu jsiru fil-bidu tas-Sajf u fil-Ħarifa. Kont nismagħhom jgħidu manuvri bejn il-baħrin u s-suldati, tal-baħar kontra ta' l-art.

### Nuqqas ta' servizzi essenzjali

Irridu niftakru li dak iż-żmien hawn il-Mellieħa konna mċaħħdin minn ħafna kumditajiet essenzjali. La kellna dranaġġ, la telefon, la kellna dawl elettriku, la spiżeriji u f'ħafna djar lanqas ilma tal-vit. Biex in-nies jinqdew għall-ilma, f'xi postijiet kien ikun hemm għajn jew pompa mnejn in-nies kienu jieħdu l-ilma x'jixorbu, biex isajru jew biex jaħslu. F'xi djar kont issib l-ilma tal-bir. Ma' dan in-nuqqas irridu nżidu ieħor, dak tat-tobba.

Illum, għall-grazzja ta' Alla, għandna numru sabiħ ta' tobba, spiżeriji u nfermiera. Suppost li f'kull raħal kien ikun hemm tabib tal-Gvern, li kienu jgħidulu d-D.M.D. (District Medical Officer), iżda niftakar li ġieli domna xhur mingħajr dan it-tabib għax meta kien jispiċċa wieħed ma tantx kien faċli li tabib ieħor jieħu postu.

Dan in-nuqqas il-poplu kien iħossu ħafna. Niftakar li l-każini tal-banda u nies oħra ġieli ħassew il-bżonn li f'isem il-poplu jiktbu lill-gvernatur u jinfurmawh b'dan in-nuqqas. Xi drabi t-talba kienet tkun mismugħa u t-tabib jasal, u drabi oħra t-tkarkir jissokta.

### Is-saħħa tat-trabi u tat-tfal żgħar

Meta kien joqrob is-Sajf u tibda s-sħana, il-mard fost it-trabi u t-tfal żgħar kien jiżdied u niftakar li ġieli kienu jmutu żewġ trabi jew tlieta f'ġurnata waħda. Fis-Sajf il-mard tat-trabi kien jiżdied u xi

trabi ma kienux jifilħu għall-mard. Mediċini ma tantx kien hawn u l-epidemiji kienu jikinsu liż-żgħar. Il-qniepen kienu spiss iħabbru li mietet xi tarbija għax flok it-tħabbira tal-mewt, il-qniepen kienu jħabbru l-"Frejħa", il-mewt ta' tarbija.

It-tarbija kienet titpoġġa f'tebut abjad u kienu jġorruha erbat itfal saċ-ċimiterju fejn kien hemm oqbra żgħar għalihom. Fiċ-ċimiterju tagħna dawn qegħdin fejn il-bieb. Semmejt dan għax illum rari naraw funerali tat-trabi.

Ftit trabi jmutu żgħar ħafna. Illum, fid-djar tagħna nsibu l-mediċini li jkollna bżonn, għandna ħafna ndafa fid-djar u għalhekk il-periklu tal-mard naqas ħafna.

## L-Edukazzjoni

Dak iż-żmien l-iskola ma kinitx obbligatorja, u l-ġenituri ma kienux obbligati jibagħtu t-tfal l-iskola. Milli niftakar jien, il-maġġoranza tal-ġenituri Melleħin kienu jibagħtu lit-tfal l-iskola primarja. Kienu jifhmu li l-iskola hi meħtieġa u kienu jibagħtu 'l uliedhom għat-tagħlim. Ftit kienu l-ġenituri li kienu jżommu 'l uliedhom biex jgħinuhom fix-xogħol.

Il-kors ta' l-iskola primarja kien jibda bi'*Stage I* u *Stage II*, fl-iskola ta' l-*Infants*. Wara kienu jitilgħu *Standard I* u jibqgħu telgħin sa *Standard V*. Wara li jispiċċaw l-aħħar klassi, l-istudenti setgħu jmorru fi skola sekondarja jew skola teknika (bħal skola tal-ħjata). Imma l-Mellieħa ftit tfal kienu jmorru fi skola sekondarja.

Meta t-tfal kienu jgħaddu l-ħames klassi (*Standard V*), huma kienu jippruvaw isibu xi xogħol jew jgħinu lill-familja fix-xogħol tar-raba. Ftit tfal Melleħin, sew subien kif ukoll bniet, kienu jmorru fi skola sekondarja. L-iskejjel sekondarji kienu jkunu l-Belt jew f'xi post fil-qrib tal-Belt, u bejn minħabba l-bogħod u bejn minħabba l-faqar li kien hawn, ħafna ġenituri ma kienux ifittxu li jibagħtu 'l uliedhom fi skola sekondarja.

## L-iskejjel

Fil-Mellieħa ma kellniex xi dar jew bini ieħor li fih jiġbor it-tfal kollha għat-tagħlim f'post wieħed. Is-subien kienu jibdew fl-iskola tal-bniet - *Stage I* u *Stage II* - u wara jitilgħu fl-iskola tas-subien. L-iskola tal-bniet kienet id-dar li llum hi ċ-Ċentru Parrokkjali. din kienet tal-familja Debono (ta' Randi ta' Ġiljan). L-iskola tas-subien kienet fejn illum hemm iċ-Ċentru Laburista, dar ta' Żeppi (Ġużeppi Portelli). Kien hemm xi djar oħra li kienu jintużaw għal xi tagħlim bħal dik ta' Triq il-Mitħna l-Ġdida, tal-Familja Attard (taċ-Ċangun), li fiha kien ikun hemm it-tfal subien ta' *Stage II*.

Kien hemm dar fi Triq Franġisku Zahra li fiha kien isir it-tagħlim fuq ix-xogħol ta' l-injam. Meta bdiet il-gwerra, dawn id-djar ma baqgħux jintużaw għat-tagħlim iżda bdew jintużaw għall-militar. Dik id-dar ta' Triq il-Mitħna l-Ġdida, parti minnha, kienet tintuża bħala ħabs għall-militar fejn suldati li kienu naqsu f'xi dmir kienu jkunu magħluqin għal xi ġranet f'dan il-ħabs provviżorju.

Dan l-aħħar kont għaddej minn quddiem din id-dar u smajt il-leħen ħelu tat-tfal ċkejknin jitkellmu bejniethom. Indunajt li din id-dar qiegħda tintuża bħala skola għat-tfal ċkejknin, qabel ma jmorru fil-klassijiet tal-*kindergarten*. F'qalbi għedt "Li kien jerġa' jkun", kienet skola u reġgħet ġiet skola.

Illum għandna skola kbira u moderna li tiġbor fiha t-tfal kollha, subien u bniet. Dari s-subien kienu fi skola għalihom u l-bniet l-istess. Illum fil-klassijiet kollha ssib is-subien u l-bniet, skola primarja waħda. Rapport li ħareġ fl-1906 jgħid li 120 ġenitur talbu li jdaħħlu t-tfal fl-iskola, numru sabiħ għall-Mellieħa li kienet ferm iżgħar milli hi llum. Jidher li mitt sena ilu, il-Melleħin kienu ġa fehmu li l-iskola hi bżonnjuża ħafna.

## Il-logħob tat-tfal

Illum rari biex tara ħafna tfal fit-toroq tagħna. Dari, malli tispiċċa l-iskola, is-subien kienu joħorġu jilagħbu fit-triq. Kienu jilagħbu bil-boċċi, biż-żugraga, bil-buttuni jew bil-ballun, u xi drabi bil-kopp għall-għasafar. Il-bniet kienu jilagħbu biż-żibeġ, bil-ħabel, il-passju jew bil-pupi.

Is-subien kienu jiltaqgħu gruppi gruppi, jibnu kampijiet u jagħmlu xogħol ta' suldati u ġieli kienu jagħmlu l-manuvri. Kienu jagħmlu kif jaraw. Kienu jaraw is-suldati jagħmlu dan it-taħriġ u huma kienu jagħmlu bħalhom.

## Wara l-Gwerra tas-snin 1939-1949

F'Settembru 1939 bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija. Fl-ewwel sena Malta ma kellniex inkwiet, iżda meta fl-10 ta' Ġunju 1940 l-Italja ta' Mussolini daħlet fil-gwerra, l-istorja nbidlet. Mas-sebħ tal-11 ta' Ġunju waqgħu l-ewwel bombi fuq Malta. Kien il-bidu ta' storja ta' niket, tbatija, qerda u telf ta' nies.

Fil-gwerra rajna taqlib kbir iżda pajjiżna ma kienx maħkum mill-għadu. Il-poplu tagħna ġarrab ħafna iżda ħareġ rebbieħ u spiċċa bl-unuri u bil-ġieħ. Xi pajjiżi fl-Ewropa ġarrbu l-invażjoni mis-suldati ta' l-għadu u l-ħerba kienet akbar. Malta u Għawdex ħelsu minn dan id-diżastru.

Wara l-gwerra, il-Mellieħa daħlet fil-qalba ta' l-iżvilupp turistiku. Jalla nkomplu nkabbru bi prudenza dan ir-rigal li tatna n-natura bil-baħar u l-kampanja li aħna mdawrin bihom.